I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# BORD EWROPEW TAR-RISKJU SISTEMIKU

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tat-22 ta' Diċembru 2011**

**dwar il-finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ddenominat f'dollaru Amerikan**

**(BERS/2011/2)**

(2012/C 72/01)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b), (d) u (f) u l-Artikoli 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(3)(e) u l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-partijiet interessati relevanti fis-settur privat,

Billi:

(1) Id-dollaru Amerikan huwa munita ta' finanzjament materjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni, li jiksbu l-parti l-kbira tal-finanzjament f'dollaru Amerikan mis-swieq bl-ingrossa.

(2) Hemm diskrepanzi materjali fil-maturità tal-assi u l-passiv f'dollaru Amerikan ta' istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni, bil-finanzjament bl-ingrossa fuq żmien qasir jintuża biex jiffinanzja attivitajiet u assi fuq żmien itwal; barra minn hekk, uħud mill-kontrapartijiet huma instabbli. Il-kombinazzjoni tad-diskrepanzi fil-maturità u l-investituri instabbli hija tip ewlieni ta' vulnerabbiltà.

(3) Sa minn Ġunju tal-2011 kien hemm tensjonijiet għaddejjin fis-swieq tal-finanzjament bid-dollaru Amerikan, wara t-tensjonijiet materjali mġarrba fl-2008 li wasslu għall-introduzzjoni ta' linji swap tal-bank ċentrali nazzjonali biex jingħata aċċess għad-dollari Amerikani. Dawn it-tensjonijiet joħolqu riskji ewlenin, diretti u potenzjali għas-sistema kollha: b'mod partikolari, fuq żmien qasir, għal-likwidità tal-bank, u fuq żmien medju, għall-ekonomija vera permezz ta' tnaqqis fis-self f'dollari Amerikani minn istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni u għas-solvenza ta' dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jekk iseħħ *deleveraging* bi prezzijiet *fire-sale*.

(4) Istituzzjonijiet ta' kreditu, bank ċentrali u kontrolluri implimentaw miżuri biex jittaffew ir-riskji ġenerali għall-finanzjament u l-likwidità fis-snin riċenti; uħud minn dawn il-miżuri kkontribwew għat-titjib tal-finanzjament f'dollaru Amerikan u l-qagħdiet tal-likwidità ta' istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni. Madankollu, tenħtieġ metodoloġija aktar strutturata biex tiġi prevenuta repetizzjoni tat-tensjonijiet fis-swieq tal-finanzjament f'dollaru Amerikan.

(5) Għodod mikroprudenzjali għandhom jissaħħu għall-għan makroprudenzjali li jiġu evitati l-livell ta' tensjoni li dehru fil-kriżijiet finanzjarji riċenti fil-finanzjament f'dollaru Amerikan għal istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni.

(6) Nuqqasijiet fid-dejta f'livell ta' Unjoni jillimitaw l-abbiltà biex jiġi analizzat l-impatt potenzjali ta' riskji għall-finanzjament f'dollaru Amerikan; il-kwalità tad-dejta għandha għalhekk tittejjeb.

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.
([2]) ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.

(7) Il-monitoraġġ mill-qrib fil-livell tas-settur bankarju u ta' ditti individwali għandu jgħin lill-awtoritajiet kompetenti biex jifhmu aħjar l-iżviluppi fir-riskji għal-likwidità u l-finanzjament f'"dollaru Amerikan; huwa għandu jgħinhom ukoll biex jinkoraġġixxu l-banek biex jieħdu miżuri ex ante neċessarji biex jillimitaw l-iskoperturi eċċessivi u jikkoreġu d-distorsjonijiet fil-ġestjoni tar-riskju. Il-miżuri rakkomandati f'dawk l-oqsma huma konsistenti ma' rakkomandazzjoni F tal-BERS tal-21 ta' Settembru 2011 dwar is-self f'munita barranija ([1]).

(8) Wieħed mill-istrumenti biex jittaffew ir-riskji għall-finanzjament f'dollaru Amerikan huwa l-pjan għall-finanzjament ta' kontinġenza, sabiex jiġi evitat li problemi ta' finanzjament jiħraxu f'sitwazzjonijiet estremi. Madankollu, il-pjanijiet ta' kontinġenza jistgħu joħolqu problemi sistemiċi ġodda jekk jirriżultaw f'azzjonijiet simili meħudin fl-istess ħin minn istituzzjonijiet ta' kreditu.

(9) Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) ser jikkunsidra l-progress fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni matul it-tieni nofs tal-2012.

(10) L-Anness għal din ir-Rakkomandazzjoni janalizza r-riskji sistemiċi sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni li jinħolqu mill-finanzjament f'dollaru Amerikan ta' istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni.

(11) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-mandati tal-politika monetarja tal-banek ċentrali fl-Unjoni, u l-kompiti fdati lill-BERS.

(12) (Ir-rakkomandazzjonijiet tal-BERS huma ppubblikati wara li l-Kunsill jiġi infurmat bl-intenzjoni tal-Bord Ġenerali li jagħmel dan u wara li l-Kunsill jingħata l-opportunità li jirreaġixxi,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

TAQSIMA 1

**RAKKOMANDAZZJONIJIET**

### Rakkomandazzjoni A – Monitoraġġ tal-likwidità u l-finanzjament f'dollaru Amerikan

L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma rrakkomandati biex:

1. jimmonitorjaw mill-qrib ir-riskji għal-likwidità u l-finanzjament f'dollaru Amerikan li jittieħdu minn istituzzjonijiet ta' kreditu, bħala parti mill-monitoraġġ tagħhom tal-qagħdiet ġenerali tal-finanzjament u l-likwidità ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. B'mod partikolari, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jimmonitorjaw:

   (a) nuqqasijiet ta' qbil fil-maturità ta' dollari Amerikani;

   (b) konċentrazzjonijiet ta' finanzjament skont it-tip ta' kontroparti, b'emfażi fuq kontopartijiet għal żmien qasir;

   (c) l-użu ta' *swaps* ta' muniti f'dollaru Amerikan (inklużi *swaps* ta' rati tal-imgħax tal-munita);

   (d) skoperturi fi ħdan gruppi.

2. jikkunsidraw, qabel ma l-iskoperturi għar-riskju għall-finanzjament u l-likwidità f'dollaru Amerikan jilħqu livelli eċċessivi:

   (a) li jinkoraġġixxu lil istituzzjonijiet ta' kreditu biex jieħdu azzjoni biex jiġġestixxu b'mod xieraq ir-riskji li jinħolqu minn diskrepanzi fid-dollari Amerikani;

   (b) li jillimitaw l-iskoperturi, filwaqt illi jevitaw li l-istrutturi ta' finanzjament preżenti jiġu xolti b'mod diżorganizzat.

### Rakkomandazzjoni B – Pjanijiet għall-finanzjament ta' kontinġenza

L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma rrakkomandati biex:

(1) jiżguraw illi istituzzjonijiet ta' kreditu fil-pjanijiet tagħhom għal finanzjament ta' kontinġenza jipprovdu għal azzjonijiet ta' ġestjoni biex jiġi ġestit skoss fil-finanzjament f'dollaru Amerikan, u li dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu kkunsidraw il-fattibbiltà ta' dawk l-azzjonijiet jekk aktar minn istituzzjoni ta' kreditu waħda tipprova twettaqhom fl-istess ħin. Bħala minimu, il-pjanijiet għall-finanzjament ta' kontinġenza għandhom jikkunsidraw is-sorsi ta' finanzjament ta' kontinġenza disponibbli f'każ ta' tnaqqis fil-provvista minn klassijiet ta' kontroparti differenti;

(2) jevalwaw il-fattibbiltà ta' dawn l-azzjonijiet ta' ġestjoni fil-pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza fil-livell tas-settur bankarju. Jekk azzjoni simultanja minn istituzzjonijiet ta' kreditu tiġi evalwata bħala li x'aktarx toħloq riskji sistemiċi potenzjali, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma rrakkomandati biex jikkunsidraw it-tehid ta' azzjoni biex jitnaqqsu dawk ir-riskji u l-impatt ta' dawk l-azzjonijiet fuq l-istabbiltà tas-settur bankarju tal-Unjoni.

TAQSIMA 2

**IMPLIMENTAZZJONI**

### 1. Interpretazzjoni

1. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

   (a) 'istituzzjoni ta' kreditu' tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif definita fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-istabbiliment u l-eżerċizzju tal-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([2]);

   (b) 'istituzzjoni ta' kreditu tal-Unjoni' tfisser istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fi Stat membru taħt Direttiva 2006/48/KE;

([1]) Rakkomandazzjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Rskju Sistemiku tal-21 ta' Settembru 2011 dwar is-self f'munita barranija (ĠU C 342, 22.11.2011, p. 1).

([2]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

(c) 'awtorità superviżorja nazzjonali' tfisser awtorità kompetenti jew superviżorja kif iddefinita fl-Artikolu 1(3)(f) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010;

(d) 'finanzjament f'dollaru Amerikan' tfisser il-ġenerazzjoni ta' fondi f'passiv iddenominat f'dollaru Amerikan.

2. L-Anness jifforma parti integrali minn din ir-Rakkomandazzjoni. F'każ ta' kunflitt bejn it-test prinċipali u l-Anness, għandu jirbaħ it-test prinċipali.

2. **Kriterji għall-implimentazzjoni**

1. Il-kriterji li ġejjin japplikaw għall-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni:

(a) Din ir-Rakkomandazzjoni tkopri biss finanzjament iddenominat f'dollaru Amerikan ta' istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni.

(b) L-arbitraġġ regolatorju għandu jiġi evitat.

(c) Ser tingħata l-attenzjoni dovuta lill-prinċipju ta' proporzjonalità fl-implimentazzjoni, b'referenza għar-relevanza sistemika differenti tal-finanzjament f'dollaru Amerikan tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u waqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-objettiv u l-kontenut ta' kull rakkomandazzjoni.

(d) Kriterji oħrajn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet A u B huma stabbiliti fl-Anness.

2. Id-destinatarji huma mitluba li jikkomunikaw lill-BERS u lill-Kunsill l-azzjonijiet meħuda b'risposta għal din ir-Rakkomandazzjoni, jew li jiġġustifikaw b'mod adegwat in-nuqqas ta' azzjoni. Bħala minimu r-rapporti għandhom jinkludu:

(a) informazzjoni dwar is-sustanza u l-kronoloġija tal-azzjonijiet meħuda;

(b) evalwazzjoni tal-funzjonament tal-azzjonijiet meħuda mill-perspettiva tal-objettivi ta' din ir-Rakkomandazzjoni;

(c) ġustifikazzjoni dettaljata ta' kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni jew devjazzjoni minn din ir-Rakkomandazzjoni, inkluż kwalunkwe dewmien.

3. **Kronoloġija għas-segwitu**

1. Id-destinatarji huma mitluba li jikkomunikaw lill-BERS u lill-Kunsill l-azzjoni meħuda b'risposta għal rakkomandazzjonijiet A u B, u ġustifikazzjoni adegwata f'każ ta' nuqqas ta' azzjoni, sat-30 ta' Ġunju 2012.

2. L-awtoritajeit superviżorji nazzjonali jistgħu jirrapportaw flimkien permezz tal-Awtorità Bankarja Ewropea.

3. Il-Bord Ġenerali jista' jestendi l-iskadenza taħt il-paragrafu 1 fejn ikunu meħtieġa inizjattivi leġiżlattivi għal konformità ma' rakkomandazzjoni waħda jew aktar.

4. **Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Is-Segretarjat tal-BERS:

(a) jassisti lid-destinatarji, inkluż billi jiffaċilita r-rapportaġġ ikkoordinat, jipprovdi mudelli relevanti u jippreċiża fejn ikun meħtieġ il-modalitajiet u l-kronoloġija għas-segwitu;

(b) jivverifika s-segwitu mid-destinatarji, inkluż billi jassistihom fuq talba tagħhom, u jirrapporta dwar is-segwitu lill-Bord Ġenerali permezz tal-Kumitat ta' Tmexxija fi żmien xahrejn minn meta jagħlqu l-iskadenzi għas-segwitu.

2. Il-Bord Ġenerali jevalwa l-azzjonijiet u l-ġustifikazzjonijiet irrapportati mid-destinatarji u, fejn xieraq, jiddeċiedi jekk din ir-Rakkomandazzjoni tkunx ġiet segwita u jekk id-destinatarji jkunux naqsu milli jiġġustifikaw b'mod adegwat in-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tagħhom.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-22 ta' Diċembru 2011.

*Il-President tal-BERS*

Mario DRAGHI

*ANNESS*

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU DWAR IL-FINANZJAMENT DENOMINAT F'DOLLARI AMERIKANI TAL-ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU TAL-UNJONI**


| | *Paġna* |
|---|---|
| Sommarju eżekuttiv | 2 |
| I. Ħarsa ġenerali lejn il-finanzjament f'dollari Amerikani tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni | 2 |
| II. Riskji marbutin mal-użu ta' finanzjament f'dollari Amerikani | 9 |
| III. Rakkomandazzjonijiet tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku | 13 |
| Anness: Eżerċizzju volontarju ta' ġbir ta' dejta dwar il-finanzjament f'dollari Amerikani tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni | 20 |

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Id-dollaru Amerikan hu munita ta' finanzjament materjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni, u jgħodd madwar 15 % tat-total tal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Kważi l-finanzjament kollu disponibbli biex jintuża fl-Unjoni hu bl-ingrossa, u ħafna minnu hu għal żmien qasir ferm. Jidher li hemm diskrepanza materjali fil-maturità bejn assi għal żmien fit-tul u obbligazzjonijiet għal żmien qasir f'dollari Amerikani u xi kontropartijiet jirreaġixxu skont l-aħbarijiet. Din il-kombinazzjoni ta' diskrepanza fil-maturità u investituri sensittivi għar-riskju toħloq tip ewlieni ta' vulnerabbiltà.

Ilha tidher evidenza ta' tensjoni fis-swieq ta' finanzjament f'dollari Amerikani sa minn Ġunju 2011. Xi istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni dan l-aħħar ħabbru pjanijiet biex jagħmlu *deleveraging* tal-assi f'dollari Amerikani, biex inaqqsu parzjalment id-dipendenza tagħhom mill-finanzjament f'dollari Amerikani. Dan jista' jġib miegħu mill-inqas żewġ riskji ewlenin diretti li jistgħu jinfirxu fis-sistema: l-impatt fuq is-solvenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni jekk l-assi jinbiegħu bi prezzijiet imnaqqsa ħafna, u l-impatt fuq l-ekonomija reali minħabba tnaqqis fis-self f'dollari Amerikani min-naħa tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni.

Tagħrif li joħroġ minn riċerka li saret mis-swieq jissuġġerixxi li l-eżistenza tal-linji *swap* tal-bank ċentrali toffri serħan il-moħħ lill-parteċipanti fis-swieq u dan jgħin fit-tħaddim tas-swieq tal-*iswaps* tal-kambju, anki jekk il-linji ma jintużawx. Dan jista' jfisser li hemm riskju ta' periklu morali li qiegħed ifixkel lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni milli jersqu lejn struttura ta' finanzjament aktar robusta. Barra dan, xi istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni f'pajjiżi differenti ma jipprovdux b'mod speċifiku għal ċaqliq fil-finanzjament f'dollari Amerikani jew f'muniti barranin fil-pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza tagħhom.

L-għan tar-rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rapport hu li jinbeda proċess bil-ħsieb li jiġi evitat livell ta' tensjoni fil-finanzjament f'dollari Amerikani tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni f'xi kriżi finanzjarja tal-ġejjieni bħalma ġara fil-kriżijiet finanzjarji tal-2008 u l-2011, aktar milli li titfassal politika speċifikament biex jittaffew it-tensjonijiet attwali.

Ir-rakkomandazzjonijiet l-aktar jinvolvu t-tisħiħ tal-istrumenti makroprudenzjali għal skopijiet makroprudenzjali, u huma dwar: (i) il-monitoraġġ mill-qrib tar-riskji ta' finanzjament u likwidità f'dollari Amerikani tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni b'seħħ immedjat u, fejn ikun il-każ, il-limitazzjoni ta' dawn ir-riskji qabel ma jaslu għal livell eċċessiv, waqt li jiġi evitat ix-xoljiment diżorganizzat tal-istrutturi ta' finanzjament attwali f'dollari Amerikani; (ii) l-assigurazzjoni li l-pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu jinkludu azzjoni min-naħa tal-amministrazzjonijiet kontra ċaqliq fil-finanzjament f'dollari Amerikani waqt li jitnaqqsu r-riskji sistemiċi li jistgħu jinħolqu mill-azzjoni simultanja tal-istituzzjonijiet ta' kreditu minħabba pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza simili.

## I. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-FINANZJAMENT F'DOLLARI AMERIKANI TAL-ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU TAL-UNJONI

### I.1. Fatturi ewlenin li jiddeterminaw ir-rikors tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għal finanzjament f'dollari Amerikani

Tagħrif li joħroġ minn riċerka li saret mis-swieq u mir-regolaturi jagħtik x'tifhem li hemm firxa ta' fatturi li jaffettwaw id-domanda għal finanzjament f'dollari Amerikani:

(a) Diversifikazzjoni: B'mod partikolari wara l-kriżi, l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni rrappurtaw li xtaqu jiddiversifikaw is-sorsi tagħhom ta' finanzjament f'diversi tipi ta' muniti, maturitajiet u investituri. Billi s-suq tad-dollaru Amerikan hu wieħed mill-aktar swieq likwidi u profondi, jidher bħala sors ewlieni ta' finanzjament f'dawn l-istrateġiji.

(b) Spiża: Xi istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni tipikament fittxew li jirrikorru għad-dollaru Amerikan bħala sors ta' finanzjament irħis għall-assi tagħhom li mhumiex f'dollari Amerikani. Kien hemm vantaġġi konsistenti fl-ispiża f'xi każijiet bil-ħruġ ta' debitu f'dollari Amerikani li mbagħad inqaleb fil-munita mixtieqa, aktar milli kieku nħareġ direttament f'dik il-munita fis-swieq primarji.

(c) Arbitraġġ: Hemm evidenza li xi istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni qegħdin jieħdu l-opportunità li jirrikorru għal finanzjament għal żmien qasir, pereżempju mill-fondi reċiproċi tas-swieq monetarji Amerikani (MMMF), b'anqas minn 25 punt bażi, u li attwalment qegħdin jiddepożitawh mal-Federal Reserve bil-25 punt bażi.

(d) Mudell ta' negozju: Id-domanda tiddependi wkoll mill-klima ekonomika internazzjonali u għalhekk mill-ħajra tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għar-riskju u mill-ħtiġijiet tagħhom ta' self f'dollari Amerikani – b'mod partikolari l-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma attivi f'negozju f'dollari Amerikani – u minn fatturi idjosinkratiċi bħall-istrateġiji individwali ta' żvilupp tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni.

(e) Hemm żewġ strateġiji (xi drabi simultanji): Xi istituzzjonijiet ta' kreditu saħqu fuq il-fatt li l-għażla ewlenija tagħhom hi determinata jew minn: (i) strateġija ġenerali ta' diversifikazzjoni, li biha jkollhom rikors għad-dollaru Amerikan u mbagħad jaqilbuh għall-munita li jkunu jeħtieġu; jew minn (ii) strateġija li tadatta ruħha għall-ħtieġa, li biha jevalwaw xi ħtiġijiet ta' munita għandhom u mbagħad jiksbu l-finanzjament li jkollhom bżonn.

(f) Fatturi ta' provvista: Xi investituri Amerikani qed ifittxu renditi f'ambjent ta' rati tal-imgħax baxxi; u oħrajn jirrappurtaw li l-MMMF Amerikani ftit li xejn għandhom alternattivi għall-investiment fl-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni billi kemm l-istituzzjonijiet ta' kreditu Amerikani – li sikwit ikollhom bażijiet kbar ta' depożitanti – kif ukoll il-kumpaniji Amerikani bħalissa għandhom relattivament ħafna flus f'idejhom.

I.2. **Pożizzjoni strutturali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni**

B'mod ġenerali, l-assi u l-obbligazzjonijiet f'dollari Amerikani fil-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni kibru b'mod materjali fis-snin qabel il-kriżi finanzjarja. Skont dejta tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BIS), din ix-xejra nbidlet mill-kriżi 'l hawn (Tabella 1). Jidher li dan hu dovut għad-*deleveraging* kontinwu li qiegħed isir mill-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni wara l-kriżi finanzjarja, b'mod partikolari fejn jidħlu assi eżistenti.

Mid-dejta miġbura mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), hu possibbli li wieħed ikompli janalizza d-daqs tal-karti tal-bilanċ f'dollari Amerikani. F'xi pajjiżi, id-diskrepanza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet f'dollari Amerikani hi relattivament żgħira. F'pajjiżi oħra, hemm aktar obbligazzjonijiet minn assi, u dan jaqbel mat-tagħrif li joħroġ minn riċerka li saret mis-swieq, li xi istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni aktarx jużaw id-dollaru Amerikan bħala sors opportunistiku ta' finanzjament, fis-sens aktar wiesa' tad-diversifikazzjoni tal-finanzjament tagħhom, u mbagħad jaqilbuh f'munita oħra. L-obbligazzjonijiet f'dollari Amerikani jgħoddu ftit aktar minn 15 % tat-total ta' obbligazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni.

*Tabella 1*

**Pożizzjonijiet grossi u netti f'dollari Amerikani tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni (biljuni ta' USD)**




*Sors*: Kalkoli tal-BIS, dejta trimestrali.

I.3. **Użi (assi) u sorsi (obbligazzjonijiet) ewlenin tal-finanzjament f'dollari Amerikani**

Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-assi f'dollari Amerikani tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni turi li d-dollaru Amerikan jintuża l-aktar għal erba' għanijiet: (i) self f'dollari Amerikani lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji (finanzjament tal-kummerċ internazzjonali u proġetti) bi skopertura limitata wkoll għas-setturi kummerċjali u pubbliċi fl-Istati Uniti; (ii) self bejn il-banek (kopert u mhux kopert) li aktarx ikun għal żmien qasir; (iii) riżervi ta' flus depożitati mal-Federal Reserve; u (iv) attivitajiet ta' kummerċ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni.

Għalkemm hemm xi eċċezzjonijiet, l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni m'għandhomx bażi wiesgħa ta' negozju f'dollari Amerikani ma' kumpaniji żgħar u individwi (dawn id-depożiti jilħqu 3 % biss tat-total tal-obbligazzjonijiet). Il-biċċa l-kbira tal-finanzjament jiġi mis-swieq bl-ingrossa, bl-istrumenti ewlenin ikunu *repos* u karti kummerċjali (CP) jew ċertifikati ta' depożitu (CD). L-investituri Amerikani tas-swieq monetarji huma investituri ewlenin fi programmi ta' karti kummerċjali u ċertifikati ta' depożitu f'dollari Amerikani.

Dejta miġbura mill-BERS tissuġġerixxi li l-finanzjament bl-ingrossa kopert u mhux kopert f'dollari Amerikani jgħodd għal madwar terz tat-total tal-attivitajiet ta' finanzjament bl-ingrossa tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni. Dan hu dovut parzjalment għall-fatt li s-swieq bl-ingrossa tal-Istati Uniti huma fost l-aktar swieq likwidi fid-dinja. L-użu tas-swieq bl-ingrossa Amerikani hu partikolarment rilevanti għal maturitajiet qosra. Madwar 75 % tal-finanzjament bl-ingrossa f'dollari Amerikani tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni għandu maturità ta' anqas minn xahar (Tabella 2). Il-finanzjament għal perjodu ta' aktar minn sena mhuwiex akbar minn 20 % tat-total tal-finanzjament bl-ingrossa f'dollari Amerikani għal kull pajjiż, skont id-dejta tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE).

*Tabella 2*

**Finanzjament bl-ingrossa f'dollari Amerikani skont il-maturità u l-pajjiż**




*Sors*: BERS (ara deskrizzjoni tal-Mudell A fl-Anness) u kalkoli tal-BERS.
*Noti*: Id-data ta' referenza hi l-31 ta' Diċembru 2010, ħlief għal Malta u l-Isvezja, li għalihom hi t-30 ta' Ġunju 2011. Pool 1 tirreferi għal dejta mill-Greċja, Ċipru u Malta waqt li Pool 2 tirreferi għal dejta mill-Belġju, id-Danimarka, Spanja, l-Olanda u l-Awstrija.

### I.4. **Profil tal-maturità tal-assi u l-obbligazzjonijiet denominati f'dollari Amerikani**

Waqt li l-obbligazzjonijiet denominati f'dollari Amerikani tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni huma l-aktar għal żmien qasir, l-assi denominati f'dollari Amerikani ġeneralment ikollhom, kif inhu mistenni, struttura ta' maturità aktar fit-tul. Madwar terz tal-assi denominati f'dollari Amerikani għandhom maturità ta' aktar minn sena. Paragun mal-istruttura ta' maturità ġenerali tal-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni jissuġġerixxi li d-diskrepanza fil-maturità bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet f'dollari Amerikani tispikka aktar mid-diskrepanza fil-maturità ġenerali tal-muniti kollha.

Minħabba t-tħassib makroekonomiku fiż-żona tal-euro u fid-dinja, l-investituri Amerikani komplew inaqqsu d-daqs u l-maturità tal-finanzjament tagħhom f'dollari Amerikani għal istituzzjonijiet ta' kreditu mhux Amerikani fit-tieni nofs tal-2011. Ir-rati ta' rifinanzjament applikati għall-finanzjament bl-ingrossa f'dollari Amerikani mhux kopert ta' ħafna istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni naqsu b'mod sinifikanti fit-tielet trimestru tal-2011. Il-maturità tal-finanzjament ġdid f'dollari Amerikani kienet ħafna iqsar meta titqabbel mat-tieni trimestru tal-2011. Is-suq tad-dejn mhux kopert għal żmien itwal f'dollari Amerikani prattikament kien magħluq għall-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni ta' xi istituzzjonijiet ta' kreditu Skandinavi/Nordiċi li rnexxielhom joħorġu debitu mdaqqas għal żmien fit-tul. B'mod ġenerali, l-investituri jidhru li qegħdin jiddiskriminaw bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu skont il-pajjiż tal-oriġini tagħhom.

### I.5. *Buffers* tal-assi likwidi

F'Diċembru 2011, l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-UE fil-kampjun tad-dejta tal-BERS kellhom stokk ta' madwar EUR 570 biljun ta' assi f'dollari Amerikani fil-kapaċità ġenerali tagħhom ta' kontrobilanċ ([1]). B'kollox, dan iġib madwar 20 % tat-total ta' obbligazzjonijiet f'dollari Amerikani, meta tintuża l-aktar definizzjoni wiesgħa ta' kapaċità ta' kontrobilanċ. Madwar żewġ terzi ta' dan l-ammont kien eliġibbli bħala garanzija fil-banek ċentrali. Assi likwidi f'muniti oħrajn jistgħu jintużaw biex jagħmlu tajjeb għal xi ċaqliqa kbira fid-dollaru Amerikan, iżda dan jiddependi parzjalment mit-tħaddim tas-swieq tal-kambju.

Madankollu, fi żminijiet ta' tensjoni fis-swieq finanzjarji, l-assi li jkunu likwidi ħafna biss jistgħu jintużaw bħala *buffers* effettivi tal-likwidità. Jekk jitqiesu biss il-flus u r-riżervi fil-banek ċentrali (minbarra r-rekwiżiti minimi ta' riżervi) u l-klejms statali bla obbligazzjonijiet ippeżati b'perċentwali ta' riskju żero depożitati fil-banek ċentrali, il-*buffer* tal-assi likwidi f'dollari Amerikani jonqos għal EUR 172 biljun fejn jidħol il-kampjun ta' istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni li ġie kkunsidrat.

### I.6. Allokazzjoni tal-fornituri ta' dollari Amerikani

Skont it-tagħrif kwalitattiv miġbur mill-BERS, hemm seba' kategoriji ewlenin ta' fornituri ta' dollari Amerikani għal żmien qasir:

(a) L-MMMF Amerikani;

(b) L-awtoritajiet monetarji, il-banek ċentrali u l-fondi statali (*sovereign wealth funds*) li jżommu ħafna assi f'dollari Amerikani;

(c) Il-kumpaniji tas-self f'titoli;

(d) L-istituzzjonijiet ta' kreditu li joperaw fid-dollaru Amerikan permezz tas-suq interbankarju (normalment għal perjodi qosra ħafna) u permezz tas-suq tal-i*swaps* tal-kambju;

(e) Il-kumpaniji l-kbar Amerikani;

(f) L-intrapriżi sponsorjati mill-Gvern Amerikan (Fannie Mae u Freddie Mac);

(g) Barra s-sorsi ta' finanzjament ewlenin Amerikani, hemm evidenza reġistrata li tindika li l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni jużaw swieq li mhumiex ibbażati fl-Istati Uniti (l-aktar swieq Asjatiċi) biex jiġbru fondi f'dollari Amerikani.

Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-fornituri huma partikolarment sensittivi għat-tħassib ġenerali dwar ir-riskju tal-kreditu, kif urew l-MMMF Amerikani f'dawn l-aħħar xhur. Għalkemm hu kkalkulat li l-MMMF Amerikani jirrappreżentaw madwar 2 % tat-total tal-obbligazzjonijiet tas-sistema bankarja kollha tal-Unjoni, f'xi istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni l-perċentwali togħla għal 10 %.

F'dawn l-aħħar xhur, l-MMMF *prime* Amerikani qassru l-maturità tal-finanzjamenti tagħhom lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni f'ħafna Stati Membri, hekk li l-proporzjon ta' finanzjament b'maturità ta' xahar jew anqas żdied għal madwar 70 % bejn Ottubru u Novembru 2011, għall-inqas għall-istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona tal-euro (Tabella 3). Barra dan, huma naqqsu wkoll it-total tal-iskopertura tagħhom għal istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni, għalkemm it-tibdil bejn Mejju u Novembru 2011 kien ivarja sostanzjalment minn pajjiż għal ieħor (Tabella 4).

([1]) Il-kapaċità ta' kontrobilanċ hi l-ammont ta' fondi li bank jista' jikseb biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' likwidità. *Buffer* ta' likwidità jiġi definit bħala l-parti tal-kapaċità ta' kontrobilanċ għal żmien qasir f'sitwazzjoni ppjanata ta' tensjoni. Irid ikun disponibbli kollu kemm hu għal żmien qasir definit (il-"perjodu ta' sopravivenza").

*Tabella 3*

**Profil tal-maturità tal-iskopertura tal-MMMF Amerikani għall-istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona tal-euro**




*Tabella 4*

**Tibdil fl-iskopertura tal-MMMF *prime* Amerikani għall-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni bejn Mejju u Novembru 2011**




*Sors*: Kalkoli tal-Kummissjoni Amerikana tat-Titoli u l-Kambju (SEC) u tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

I.7. **Indikaturi tas-suq**

L-aqwa istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni jisfruttaw bil-kbir is-swieq bl-ingrossa Amerikani biex ikunu jistgħu jiffinanzjaw il-ħtiġijiet tagħhom f'dollari Amerikani. Min-naħa l-oħra, bosta istituzzjonijiet ta' kreditu anqas importanti tal-Unjoni jidhru li jistrieħu aktar fuq istituzzjonijiet ta' kreditu ewlenin tal-Unjoni u fuq is-swieq tal-i*swaps* tal-kambju biex jiksbu dollari Amerikani. L-ispiża tal-i*swaps* bejn l-euro u d-dollaru Amerikan – indikata mis-*swap* bażi EUR/USD (Tabella 5) – laħqet il-quċċata wara l-falliment ta' Lehman Brothers. Wara li l-i*swap* bażi EUR/USD djieqet sostanzjalment fl-ewwel erba' xhur tal-2011, din reġgħet twessgħet mill-bidu ta' Mejju. Minn nofs Ġunju, żdiedet magħha l-volatilità tal-ġurnata, u dan kien dovut għall-inċertezza tas-swieq finanzjarji fejn jidħlu l-kundizzjonijiet ta' finanzjament f'dollari Amerikani għall-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni.

Wara l-falliment ta' Lehman Brothers, il-BĊE żied l-użu tal-linja *swap* f'dollari Amerikani miftieħma mal-Federal Reserve biex jipprovdi likwidità f'dollari Amerikani lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema (Tabella 6). L-ammont pendenti tal-operazzjonijiet għall-provvediment ta' likwidità f'dollari Amerikani mill-BĊE laħaq l-ogħla livell ta' kważi USD 300 biljun fi tmiem l-2008.

Tagħrif minn riċerka li saret mis-swieq jissuġġerixxi li l-eżistenza tal-linji *swap* tal-banek ċentrali f'dollari Amerikani toffri serħan il-moħħ lill-parteċipanti fis-swieq u għalhekk dan jgħin fit-tħaddim tas-swieq tal-i*swaps* tal-kambju, ukoll jekk il-linji ma jintużawx. Dan jista' jfisser li hemm riskju ta' periklu morali li qiegħed ifixkel l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni milli jersqu lejn struttura ta' finanzjament aktar robusta – għalkemm l-ipprezzar ta' dawn il-faċilitajiet għandu l-għan li jtaffi parzjalment dan ir-riskju. Fil-Kaxxa 1 jinsab sommarju tal-użu tas-swieq tal-i*swaps* tal-kambju u tal-inizjattivi f'dan il-qasam biex titjieb ir-reżiljenza.

*Tabella 5*

**Swaps bażi EUR/USD**




*Sors*: Bloomberg.

*Tabella 6*

**Użu mill-BĊE tal-linja *swap* mal-Federal Reserve**

Ammonti pendenti tal-operazzjonijiet għall-provvediment ta' likwidità tal-BĊE




*Sors*: BĊE.

KAXXA 1: **Tħaddim u reżiljenza tas-swieq tal-i*swaps* tal-kambju**

Wara li naqas is-self mhux kopert bejn il-banek fil-bidu tal-kriżi finanzjarja, l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni kellhom jużaw aktar il-finanzjament kopert (*swaps* tal-kambju u *repos*) bħala alternattiva. Din iż-żieda fir-rikors għall-finanzjament kopert bdiet tfixkel lil dawn is-swieq ukoll, b'mod partikolari dak tal-i*swaps* tal-kambju. Wara l-falliment ta' Lehman Brothers, sar diffiċli u għali ferm biex tikseb dollari Amerikani permezz tal-i*swaps* tal-kambju (f'Ottubru 2008 l-i*swap* bażi EUR/USD ta' tliet xhur laħqet aktar minn – 200 bps).

Dan it-taħwid ġenerali fis-swieq tal-finanzjament f'dollari Amerikani wassal biex jiġu stabbiliti linji *swap* bejn il-Federal Reserve u għadd ta' banek ċentrali, fosthom il-BĊE. Fl-ogħla livell tiegħu (fi tmiem l-2008) l-ammont pendenti totali ta' dollari Amerikani misluf lill-banek ċentrali mill-Federal Reserve laħaq madwar USD 550 biljun, li l-parti kbira tiegħu ġiet mislufa lil banek ċentrali Ewropej (il-BĊE, il-Bank of England u l-Bank Nazzjonali Svizzeru). Hekk, l-ammont pendenti tal-likwidità f'dollari Amerikani provdut mill-BĊE lil kontropartijiet tal-Eurosistema laħaq kważi USD 300 biljun sa tmiem l-2008. Dan irid jitqabbel ma' EUR 145 biljun (daqs madwar USD 200 biljun) f'riżervi tal-Eurosistema (f'muniti barranin konvertibbli) fi tmiem l-2008. Għalkemm xi xiri seta' kien opportunistiku u/jew prekawzjonarju, l-iskarsezza tad-dollaru Amerikan kienet tali li kien se jkun diffiċli jekk mhux impossibbli biex il-banek ċentrali jiffinanzjaw provvediment ta' likwidità bħal din huma stess (kemm jekk mir-riżervi tagħhom u kemm jekk mis-suq). Il-linji *swap* bejn il-Federal Reserve u għadd ta' banek ċentrali (il-BĊE, il-Bank of England, il-Bank Nazzjonali Svizzeru, il-Bank of Canada u l-Bank of Japan) ġew attivati mill-ġdid f'Mejju 2010, hekk kif bdiet tintensifika l-kriżi tad-dejn statali, u dan serraħ moħħ il-parteċipanti fis-swieq li l-finanzjament f'dollari Amerikani kien se jkun disponibbli għall-istituzzjonijiet li mhumiex ibbażati fl-Istati Uniti fil-każ ta' bżonn.

Il-provvediment ta' dollari Amerikani minn banek ċentrali barra l-Istati Uniti kien tassew effettiv biex is-swieq reġgħu bdew jaħdmu. Il-bażi ta' *swap* f'dollari Amerikani (id-differenza bejn ir-rata tad-dollaru Amerikan fis-*swap* EUR/USD u r-rata Libor tad-dollaru Amerikan) aktar tard bdiet tonqos bil-ħeffa. Barra dan, l-użu tal-linji *swap* tal-Federal Reserve naqas mill-ogħla livell li ntlaħaq fi tmiem l-2008. Evidenza mhix konfermata u r-reazzjoni tas-suq jissuġġerixxu li s-suq tal-i*swaps* tal-kambju pprovda biżżejjed likwidità biex l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni setgħu jissellfu f'dollari Amerikani kontra l-munita domestika tagħhom.

Għadd ta' dokumenti li nħadmu minn banek ċentrali u organizzazzjonijiet tas-swieq saħqu fuq il-fatt li s-suq tal-kambju wera r-reżiljenza tiegħu matul il-kriżi finanzjarja bis-saħħa tal-*Continuous Linked Settlement* (CLS) u tal-użu aktar mifrux tal-*Credit Support Annexes*. Regolaturi Ewropej u Amerikani bħalissa qegħdin iqisu kemm ikun xieraq li t-tranżazzjonijiet *swap* tal-kambju jiġu suġġetti għal ikklerjar ċentrali mandatorju.

Ir-reżiljenza tas-suq tal-i*swaps* tal-kambju fi żminijiet ta' tensjoni hi element importanti fl-evalwazzjoni tar-riskji. F'dan ir-rigward, żewġ elementi jitolbu prudenza. L-ewwel, anki jekk ma hemmx dejta disponibbli, reazzjonijiet mhux ikkonfermati mill-parteċipanti fis-swieq jissuġġerixxu li l-iskarsezza ta' dollari Amerikani u d-domanda għas-self f'dollari Amerikani permezz tas-suq tal-i*swaps* tal-kambju s'issa kienu anqas milli kienu eżatt wara l-falliment ta' Lehman Brothers. It-tieni, l-eżistenza tal-linji *swap* bejn il-Federal Reserve u l-banek ċentrali Ewropej tipprovdi xibka ta' sikurezza li sserraħ moħħ il-parteċipanti fis-swieq.

L-azzjoni koordinata ta' dan l-aħħar bejn il-banek ċentrali biex tilqa' għat-tensjonijiet fis-swieq tal-finanzjament f'dollari Amerikani (l-ipprezzar aktar baxx u t-tkomplija tal-offerti ta' tliet xhur) wasslet għal xi titjib fil-kundizzjonijiet tas-swieq tal-finanzjament għall-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni. Is-*swap* bażi naqset moderatament iżda l-kwotazzjonijiet uffiċjali tal-Libor għad-dollaru Amerikan baqgħu l-istess. Barra l-istmerrija ġenerali għar-riskju, jidher li kien hemm żewġ elementi li kebbsu t-tensjonijiet li għadhom qegħdin jinħassu: l-istigma marbuta mal-parteċipazzjoni fl-offerti ta' tliet xhur u l-fatt li l-klijenti l-kbar tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (il-fondi tal-pensjoni u l-*unit trusts*, il-korporazzjonijiet) m'għandhomx aċċess għall-faċilitajiet tal-banek ċentrali. Għalhekk, jibqgħu jiddependu mis-swieq tal-i*swaps* tal-kambju għal skopijiet ta' kopertura f'qafas fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu jsibuha bi tqila biex jinnegozjaw fis-swieq.

## II. **RISKJI MARBUTIN MAL-UŻU TA' FINANZJAMENT F'DOLLARI AMERIKANI**

Il-BERS iddiskuta żewġ sorsi ewlenin ta' riskju marbutin mad-dipendenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni mill-finanzjament f'dollari Amerikani u d-diskrepanza fil-maturità tagħhom f'dollari Amerikani: ir-riskju marbut mal-likwidità għal żmien qasir u r-riskju ta' impatt għal żmien medju fuq l-ekonomija reali tal-Unjoni minħabba tibdil fil-mudelli tan-negozju dovut għat-tensjonijiet tal-finanzjament f'dollari Amerikani.

### II.1. **Ir-riskju marbut mal-likwidità għal żmien qasir**

It-tensjonijiet marbutin mal-likwidità f'dollari Amerikani qanqlu azzjoni koordinata ripetuta min-naħa tal-banek ċentrali mill-2008 'l hawn. Dawn it-tensjonijiet huma dovuti għall-istruttura tal-finanzjament f'dollari Amerikani tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni u għas-sehem tad-dollaru Amerikan fis-sistema finanzjarja dinjija, kif ukoll għall-kundizzjonijiet attwali tas-swieq. Flimkien, dawn jistgħu jfissru li hemm fraġilità partikolari fl-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni li jistrieħu fuq il-finanzjament bl-ingrossa għal żmien qasir f'dollari Amerikani. B'mod partikolari:

(a) *Finanzjament "stabbli" limitat:* L-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni kważi m'għandhom l-ebda finanzjament bl-imnut f'dollari Amerikani biex jintuża fl-Unjoni.

(b) *Profil ta' żmien qasir:* Kif ġie diskuss f'Taqsima I, il-finanzjament bl-ingrossa f'dollari Amerikani tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni aktarx li jkun għal żmien qasir ferm.

(c) *L-investituri barranin aktarx joqogħdu aktar lura mill-investituri lokali fi żminijiet ta' tensjoni:* Jeżisti r-riskju li l-investituri jerġgħu jduru għas-swieq domestiċi f'sitwazzjoni ta' tensjoni jew li ma jagħmlux daqstant differenza bejn il-kumpaniji barranin li jkunu investew fihom daqskemm jagħmlu l-investituri lokali. B'mod partikolari, l-evidenza mill-kriżi u dik aktar reċenti turi li xi klassijiet ta' investituri Amerikani aktarx jaġixxu flimkien u huma partikolarment sensittivi għal aħbarijiet negattivi, u b'hekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni aktarx ikollhom iduru għal finanzjament ħin bla waqt, b'mod partikolari meta jkun hemm konċentrazzjoni tal-istess tip ta' fornituri tal-finanzjament. Dan hu importanti minħabba li l-likwidità fis-swieq tal-finanzjament bl-ingrossa f'dollari Amerikani hi konċentrata f'perjodi ta' żmien qasir (i.e. anqas minn tliet xhur).

(d) *Is-sehem tal-MMMF Amerikani:* L-MMMF Amerikani aktarx jirreaġixxu malajr, u flimkien, għal aħbarijiet negattivi. L-inkwiet ta' dan l-aħħar fis-swieq ikkawżat mit-tħassib dwar ir-riskju tad-dejn statali jidher li għal darb'oħra ġiegħel lil xi investituri Amerikani f'istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni biex jirtiraw jew inaqqsu l-maturità tal-finanzjamenti tagħhom minn nofs l-2011. B'mod partikolari, l-MMMF Amerikani jistgħu jkomplu jnaqqsu l-investiment tagħhom fl-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni għal bosta raġunijiet. Jista' jkun hemm tibdil strutturali fl-attività ta' finanzjament tal-MMMF Amerikani minħabba sistema regolatorja aktar iebsa. Ir-riformi tal-Kummissjoni Amerikana tat-Titoli u l-Kambju (SEC) daħlu fis-seħħ f'Mejju 2010 u komplew jillimitaw il-maturità li biha l-MMMF Amerikani setgħu jsellfu. Bħalissa għaddejja diskussjoni dwar sensiela oħra ta' riformi li tinkludi proposti biex l-MMMF ikunu kostretti jgħaddu għal qafas ta' valur nett varjabbli tal-assi minn valur nett fiss tal-assi (CNAV). Opzjoni oħra hi li r-regolaturi Amerikani jesiġu li l-MMMF ikollhom *buffers* li jassorbu r-riskju jekk ikomplu jsegwu mudell ta' negozju CNAV. Iż-żamma ta' *buffer* tista' żżid ir-reżiljenza tal-MMMF iżda tista' tfisser ukoll li l-mudell ta' negozju tagħhom ma jibqax ekonomiku għal żmien fit-tul. Fatturi regolatorji oħra li jistgħu jolqtu l-mudelli ta' negozju tal-MMMF Amerikani jinkludu r-revoka tar-regolamenti li jwaqqfu banek Amerikani milli jħallsu l-imgħax fuq il-bilanċi ta' kontijiet *on-demand*. Dan it-tibdil regolatorju aktarx li jiħrax jekk il-klassifikazzjoni tal-kreditu fl-Unjoni tkompli sejra lura.

(e) *Il-kwalità tal-assi f'dollari Amerikani:* Fl-eżerċizzju tagħha dwar l-evalwazzjoni tar-riskju marbut mal-likwidità, l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) tqis li l-kwalità tal-assi f'dollari Amerikani tal-*buffers* tal-assi likwidi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni hija inferjuri minn dik tal-assi tal-muniti domestiċi u li hemm riskju kontinwu konsiderevoli għas-swieq tal-finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni. Problemi ġodda u mhux mistennija mal-banek Amerikani jistgħu jolqtu wkoll is-suq interbankarju tad-dollari Amerikani.

(f) *Dipendenza mis-swieq tal-kambju:* F'sitwazzjoni ta' tensjoni, jekk il-bżonn għal żmien qasir ta' dollari Amerikani ma jkunx jista' jiġi ssodisfat bit-tifdija bikrija ta' assi f'dollari Amerikani, l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni jkollhom jużaw is-swieq *spot* jew tal-i*swaps* tal-kambju biex jaqilbu assi likwidi f'muniti oħrajn għal dollari Amerikani. Dan iżid l-għadd ta' swieq (investituri) li jkunu meħtieġa jiffunzjonaw f'sitwazzjoni ta' tensjoni, għalkemm il-kapaċità ta' negozju f'bosta swieq tista' titqies bħala fattur li jtaffi r-riskju. Minn nofs l-2011, it-tensjonijiet fis-swieq bl-ingrossa f'dollari Amerikani nxterdu wkoll fis-swieq tal-i*swaps* tal-kambju (e.g. żdiedet l-ispiża tal-i*swaps* tal-euro f'dollari Amerikani).

(g) *Tfixkil minħabba ż-żoni tal-ħin:* Dan il-fenomenu deher ċar waqt il-kriżi meta fornituri ta' dollari Amerikani ma ridux isellfu, sakemm setgħu jifhmu sew il-pożizzjoni tal-likwidità tagħhom f'ġurnata partikolari, li aktarx kienet taħbat f'nofs il-ġurnata fl-Amerika meta s-swieq Ewropej ikunu se jagħlqu.

(h) *Ħżin:* Il-kumpaniji globali u l-investituri jfittxu li jaħżnu d-dollaru Amerikan waqt kriżi finanzjarja minħabba sehmu bħala munita ta' riżerva dinjija.

(i) *L-aċċess ta' istituzzjonijiet ta' kreditu żgħar tal-Unjoni:* L-istituzzjonijiet ta' kreditu l-kbar tal-Unjoni li huma attivi fid-dinja kollha jidher li jipprovdu parti mill-finanzjament bl-ingrossa tagħhom lil istituzzjonijiet ta' kreditu iżgħar tal-Unjoni li jkollhom rikors limitat, jew ma jkollhomx rikors, għas-swieq tal-finanzjament f'dollari Amerikani. Għalhekk, il-problemi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu l-kbar tal-Unjoni jistgħu jinxterdu malajr fil-bqija tas-settur bankarju.

(j) *Tħassib dwar id-dejn statali:* Is-swieq jiddiskriminaw bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni skont il-klassifikazzjoni tagħhom u l-pajjiż tal-oriġini. Problemi ta' dejn statali jolqtu l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-pajjiżi bi swieq tad-dejn statali diffiċli, u jekk il-problemi jinxterdu fl-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni bi skoperturi konsiderevoli għad-dejn statali, dan jista' jwassal għal tensjonijiet fil-finanzjament b'mod ġenerali u b'mod partikolari fir-rigward tal-finanzjament f'dollari Amerikani.

Evalwazzjoni tal-BERS ibbażata fuq dejta provduta mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali turi differenza konsiderevoli bejn il-finanzjament meħtieġ u dak disponibbli f'dollari Amerikani għall-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni f'sitwazzjoni ta' tensjoni kbira. Bl-użu tal-flussi kuntrattwali esterni u interni denominati f'dollari Amerikani, tista' tiġi kkalkulata bejn wieħed u ieħor din id-differenza fil-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni f'perjodi ta' tliet xhur, sitt xhur, u 12-il xahar. L-iskeda tiġbor fil-qosor ir-riżultati tal-evalwazzjoni.

*Skeda 1*

**Differenza kumulattiva fil-finanzjament f'dollari Amerikani**

| Ammonti (biljuni ta' EUR) | 3 xhur | 6 xhur | 12-il xahar |
|---|---|---|---|
| Differenza kumulattiva fil-finanzjament | – 841 | – 910 | – 919 |
| (a) B'kapaċità konservattiva ta' kontrobilanċ | – 670 | – 736 | – 750 |
| (b) B'kapaċità eliġibbli ta' kontrobilanċ | – 386 | – 467 | – 500 |
| (c) B'kapaċità sħiħa ta' kontrobilanċ | – 182 | – 263 | – 304 |

L-ewwel ringiela turi d-differenza kumulattiva fil-finanzjament għat-tliet perjodi, definita bħala l-flussi interni nieqsa l-flussi esterni f'dollari Amerikani. L-akbar element tad-differenza netta fil-finanzjament iseħħ fir-rigward ta' maturitajiet għal żmien qasir ferm (anqas minn tliet xhur) u dan hu dovut għan-natura tal-perjodu qasir tal-finanzjament f'dollari Amerikani.

It-tliet ringieli l-oħra juru d-differenza meta titqies il-kapaċità ta' kontrobilanċ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni. Intużaw tliet tipi ta' kejl għall-kapaċità ta' kontrobilanċ:

(a) Il-kapaċità konservattiva ta' kontrobilanċ tiġbor fiha biss il-flus u r-riżervi fil-banek ċentrali (aktar mir-rekwiżiti minimi ta' riżervi) u l-klejms ta' dejn statali ppeżati b'perċentwali ta' riskju żero eliġibbli bħala garanzija għall-banek ċentrali. Għalhekk dan il-kejl konservattiv jirreferi fit-teorija għall-aktar assi likwidi disponibbli biex jilqgħu għall-flussi esterni f'sitwazzjoni ta' tensjoni.

(b) Il-kapaċità eliġibbli ta' kontrobilanċ tiġbor fiha assi li jistgħu jkunu eliġibbli bħala garanzija għall-banek ċentrali.

(c) Il-kapaċità sħiħa ta' kontrobilanċ tiġbor fiha l-assi kollha definiti bħala parti mill-kapaċità ta' kontrobilanċ, u tista' tkun indikazzjoni raġonevoli tal-kapaċità ta' lqugħ għall-flussi esterni fi żminijiet normali, iżda fejn il-komponenti jkunu anqas likwidi f'perjodi ta' tensjoni finanzjarja.

Meta jitqabbel ma' dawn iċ-ċifri, l-ammont totali ta' flus miġbuda fil-linji *swap* tal-banek ċentrali f'dollari Amerikani fl-2008 kien ta' madwar USD 550 biljun. Barra dan, hemm differenzi bejn is-sistemi bankarji nazzjonali: bl-użu ta' dan il-metodu u din id-dejta, l-iskarsezza ta' dollari Amerikani hija relattivament żgħira f'xi pajjiżi u kbira f'oħrajn. Kif jingħad hawn fuq, dan hu kejl approssimattiv u jista' jkun hemm metodi oħra ta' kalkolu.

### II.2. **L-impatt fi żmien medju fuq l-ekonomija reali**

L-istruttura tal-finanzjament f'dollari Amerikani tista' tfisser li hemm għadd ta' sorsi li bihom ċaqliqa fil-finanzjament f'dollari Amerikani jista' jkollha effett indirett fi żmien medju fuq l-ekonomija reali permezz tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni. Kollox ma' kollox, l-evalwazzjoni tal-BERS tissuġġerixxi li dan jista' jkollu importanza sostanzjali; madankollu, tinħtieġ aktar ħidma biex jiġi evalwat kemm jista' jkun kbir dan l-impatt qabel ma dan il-mezz waħdu jiġġustifika l-limitazzjoni tad-diskrepanzi fil-maturità f'dollari Amerikani.

Is-sorsi ta' riskju ewlenin tqiesu li kienu dawn:

(a) *L-ispiża tal-finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni* u l-effett indirett fuq il-kapaċità ta' qligħ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni. Tagħrif minn riċerka mis-swieq miġbur mill-BERS jissuġġerixxi li l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni għażlu li jieħdu finanzjament f'dollari Amerikani minħabba li tipikament kienet tiġihom orħos biex jiħduh u jagħmlu *swap* fil-munita meħtieġa, jekk kien hemm bżonn, milli biex jiksbu finanzjament dirett f'dik il-munita. Kull effett fuq il-kapaċità ta' qligħ attwali jista' jfixkel il-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni li jestendu l-kreditu lil korporazzjonijiet u individwi Ewropej u/jew it-tranżizzjoni tagħhom għall-qafas Basel III [1] (minn hawn 'il quddiem "Basel III") issir aktar diffiċli. Analiżi preliminari bikrija li saret mill-BERS tal-ispiża li jista' jkun hemm tissuġġerixxi li din taf ma tkunx materjali u tista' tikkonsisti jew fl-ispiża tal-estensjoni tal-perjodu ta' finanzjament jew tar-rikors dirett għall-euro jew il-lira sterlina minflok ma jinġabru dollari Amerikani u ssir *swap* f'dawk il-muniti. Madankollu, din l-analiżi hi neċessarjament waħda parzjali minħabba l-kwalità u l-kopertura tad-dejta mgħoddija lill-BERS; tinħtieġ analiżi aktar profonda qabel ma wieħed jasal għal konklużjonijiet solidi.

(b) *Id-disponibbiltà tal-finanzjament għall-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni.* Riċerka li saret mill-awtoritajiet superviżorji tissuġġerixxi li ħafna istituzzjonijiet ta' kreditu kbar tal-Unjoni sa ftit ilu kienu jistrieħu fuq is-swieq kbar u profondi ta' finanzjament f'dollari Amerikani biex jiffinanzjaw l-attivitajiet ta' korporazzjonijiet Ewropej f'dollari Amerikani (e.g. kumpaniji attivi fl-aerospazju, fil-ġarr ta' merkanzija, fil-prodotti bażiċi u fil-finanzjament tal-kummerċ internazzjonali). Hemm tħassib li kull tentattiv li jillimita r-rikors għall-finanzjament f'dollari Amerikani jista' jnaqqas mill-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni li jiffinanzjaw dawn l-attivitajiet u għalhekk li jestendu l-kreditu lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji. Istituzzjonijiet ta' kreditu oħrajn li mhumiex fl-Unjoni li jkollhom rikors aktar naturali għad-dollaru Amerikan għandhom mnejn ikunu kapaċi jidħlu għal dan in-negozju. Iżda dan jista' jerġa' joħloq ir-riskju li dawn tal-aħħar jerġgħu jirtiraw malajr fi kriżi (*home bias*).

(c) *L-effett ta' deleveraging estiż*, meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni jfittxu li jbigħu assi f'dollari Amerikani biex iħallsu l-finanzjament f'dollari Amerikani. Dan jista' jħalli effett fuq id-disponibbiltà ta' finanzi fl-ekonomija reali, kif ukoll fuq is-solvenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni jekk bejgħ kbir irażżan il-prezzijiet tal-assi permezz ta' mekkaniżmi ta' tqabbil mal-prezzijiet tas-suq. Hekk, tagħrif minn riċerka mis-swieq bħalissa jissuġġerixxi li l-investituri qegħdin jistennew li jonqos il-prezz tal-assi f'dollari Amerikani minħabba li għadd ta' istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni qegħdin jippruvaw ibigħuhom. Madankollu, il-bejgħ jew it-tifdija bikrija ta' assi f'dollari Amerikani jista' wkoll ikun diffiċli jekk għadd ta' istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni jiddeċiedu li jagħmlu dan fl-istess ħin, bir-riskju ta' effetti indiretti. Barra dan, l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni jistgħu jfittxu li jużaw metodi oħra biex inaqqsu l-ħtieġa tagħhom ta' finanzjament f'dollari Amerikani, e.g. jagħlqu pożizzjonijiet fis-swieq tal-kapital jew ibigħu assi likwidi.

### II.3. **Fatturi li jistgħu jtaffu r-riskji**

Minħabba l-problemi li nqalgħu wara l-kollass ta' Lehman Brothers, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżuri tal-Unjoni implimentaw miżuri biex jittaffew ir-riskji marbutin mal-finanzjament u l-likwidità b'mod ġenerali. L-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni f'dawn l-aħħar sentejn fittxew li jtejbu l-istrutturi finanzjarji tagħhom u l-banek ċentrali nazzjonali pprovdew likwidità f'dollari Amerikani biex iħaffu t-tensjonijiet fis-swieq ta' finanzjament f'dollari Amerikani. Il-fatturi ewlenin li jtaffu r-riskji marbutin mal-finanzjament għal żmien qasir f'dollari Amerikani jidħru li jinkludu:

[1] Ara Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja – Basel III: Qafas regolatorju globali għal banek u sistemi bankarji aktar reżiljenti, Diċembru 2010 (rivedut Ġunju 2011); Basel III: Qafas internazzjonali għall-kejl, l-istandards u s-sorveljanza tar-riskju għal-likwidità, Diċembru 2010. Iż-żewġ dokumenti jinsabu (bl-Ingliż) fuq il-websajt tal-BIS: http://www.bis.org

(a) *Aktar likwidità f'dollari Amerikani:* Ir-riżervi ta' flus tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni mal-Federal Reserve jidhru li huma ogħla minn qabel, għalkemm dan l-aħħar kien hemm xi tnaqqis. Qiegħed jinħass li l-likwidità f'dollari Amerikani hi aktar għolja minn qabel, minħabba l-orjentament dwar il-politika monetarja li ħadet l-Istati Uniti, għalkemm dan ma jfissirx li d-dollari Amerikani se jerġgħu jitqassmu fis-sistema finanzjarja fi kriżi.

(b) *Żieda fil-finanzjament kopert f'dollari Amerikani:* Xi istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni rreaġixxew għan-nuqqas ta' finanzjament mhux kopert għal żmien qasir billi bdew jużaw aktar finanzjament kopert f'dollari (*repos*) u aktar *swaps* EUR/USD. Madankollu, il-kapaċità tar-*repos* hi limitata għall-ammont ta' assi likwidi ta' kwalità għolja għal żmien qasir li jista' jiġi offrut bħala garanzija.

(c) *Deleveraging tal-assi f'dollari Amerikani:* Ħafna istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni ħaffew id-*deleveraging* tal-karti tal-bilanċ tagħhom f'dollari Amerikani wara li l-MMMF Amerikani ma tantx dehru mħajra jagħtuhom self minħabba tħassib dwar l-investimenti tagħhom fid-dejn statali. Il-mezz ewlieni ta' *deleveraging* hu d-disponibbiltà tal-assi eżistenti f'dollari Amerikani. Madankollu, kif intqal qabel, dan id-*deleveraging* jista' jkollu konsegwenzi mhux mixtieqa jekk iwassal għall-bejgħ ta' assi f'dollari Amerikani u jillimita l-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni li jsellfu lill-ekonomija reali.

(d) *Sostenn b'likwidità min-naħa tal-banek ċentrali:* Il-Federal Reserve, il-BĊE, il-Bank of England, il-Bank Nazzjonali Svizzeru u l-Bank of Canada ħabbru f'Ġunju li kienu qegħdin jestendu l-arranġamenti temporanji *swap* għal-likwidità f'dollari Amerikani sa Awwissu 2012. Fil-15 ta' Settembru 2011 ħabbru wkoll li sal-aħħar tas-sena kellhom imexxu tliet operazzjonijiet għall-provvediment ta' likwidità f'dollari Amerikani b'maturità ta' madwar tliet xhur. Dawn il-miżuri għenu biex jonqsu t-tensjonijiet fis-swieq ta' finanzjament f'dollari Amerikani u biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-istituzz-jonijiet ta' kreditu tal-Unjoni ta' finanzjament f'dollari Amerikani. Il-linji *swap* tal-kambju tal-banek ċentrali, ukoll jekk ma jintużawx, jidhru li joffru serħan il-moħħ lill-parteċipanti fis-swieq u għalhekk isostnu t-tħaddim tas-swieq tal-i*swaps* tal-kambju. Madankollu, hemm riskju ta' periklu morali li ma jħallix lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni milli jersqu lejn struttura ta' finanzjament aktar robusta, għalkemm l-ipprezzar ta' dawn il-faċilitajiet għandu l-għan li jtaffi parzjalment dan ir-riskju.

(e) *Infrastruttura tas-swieq tal-iswaps tal-kambju:* Il-parteċipanti fis-swieq semmew l-infrastruttura eżistenti li tgħin it-tħaddim tajjeb tas-swieq tal-i*swaps* tal-kambju, e.g. il-*Continuous Linked Settlement* (CLS) u l-prattiki li jinvolvu t-tqabbil tal-maturità tal-i*swaps* tagħhom mal-ħtiġijiet ta' finanzjament.

Xi wħud minn dawn il-fatturi li jtaffu r-riskju diġà taw il-kontribut tagħhom sa ċertu punt biex jitjiebu l-pożizzjonijiet ta' finanzjament u likwidità f'dollari Amerikani tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni għal żmien qasir u għenuhom jegħlbu t-tensjonijiet sostanzjali ta' dan l-aħħar fis-swieq ta' finanzjament f'dollari Amerikani. Madankollu, barra dawn il-fatturi li jtaffu r-riskju, aktarx li tkun tinħtieġ xejra aktar strutturali għal żmien medju biex ma jerġgħux itennu ruħhom it-tensjonijiet fis-swieq ta' finanzjament f'dollari Amerikani li kien hemm fl-2008 u fl-2011.

(f) *Pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza:* Fost l-istrumenti mfassla biex itaffu r-riskji marbutin mal-finanzjament f'dollari Amerikani għal żmien medju, insibu l-pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza. Bħala parti mill-eżerċizzju tiegħu ta' ġbir ta' dejta, il-BERS ġabar tagħrif mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali dwar l-azzjonijiet li ħadu l-amministrazz-jonijiet biex jingħeleb iċ-ċaqliq marbut mal-finanzjament f'dollari Amerikani fil-pjanijiet ta' finanzjament ta' kontin-ġenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni. Dawn l-azzjonijiet kienu l-istess fil-pajjiżi kollha li rrappurtaw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni kkunsidrawhom b'mod espliċitu. L-azzjonijiet, li setgħu jittieħdu separatament jew flimkien skont in-natura u l-gravità taċ-ċaqliq, jinkludu: it-tnaqqis (bejgħ jew tifdija bikrija) tal-assi li jeħtieġu finan-zjament f'dollari Amerikani u t-tnaqqis ta' self lill-klijenti; l-użu tas-swieq *spot* jew tal-i*swaps* tal-kambju biex jintużaw muniti oħra għall-ġbir ta' dollari Amerikani; *repos* jew bejgħ ta' *buffers* għall-assi likwidi; l-użu ta' faċilitajiet tal-banek ċentrali (il-faċilità ta' provvediment ta' dollari Amerikani tal-BĊE u t-tieqa ta' skont tas-sistema federali ta' riżerva tal-Istati Uniti).

Xi wħud minn dawn l-azzjonijiet iġibu magħhom riskji speċifiċi. B'mod partikolari, l-użu qawwi tas-suq *spot* tal-kambju jżid l-ispiża biex jinxtara d-dollaru Amerikan. It-tnaqqis tal-ħtieġa ta' finanzjament f'dollari Amerikani (permezz tal-bejgħ jew tifdija bikrija tal-assi) jista' wkoll ikun diffiċli jekk għadd ta' istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni jiddeċiedu li jagħmlu dan f'daqqa, bir-riskju ta' effetti indiretti, kif intqal qabel f'din it-taqsima. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li ħassew li l-finanzjament f'dollari Amerikani kien parti materjali tas-settur bankarju tagħhom irrappurtaw li l-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni setgħu jużaw il-faċilitajiet ta' likwidità tal-Federal Reserve. Madankollu, superviżuri minn għadd ta' pajjiżi osservaw li l-pjanijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom ma kienx fihom opzjonijiet ċari fil-każ ta' ċaqliq fil-finanzjament f'dollari Amerikani. Dan hu nuqqas serju meta jitqiesu l-kundizzjonijiet attwali tas-swieq, partikolarment jekk dan hu l-każ fir-rigward ta' dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni li huma utenti materjali ta' finanzjament għal żmien qasir f'dollari Amerikani.

B'mod sinifikanti, il-BERS osserva b'mod ġenerali li n-nuqqasijiet fid-dejta materjali fil-livell tal-Unjoni, li llimitawlu l-kapaċità tiegħu biex janalizza l-effett li jista' jkollhom ir-riskji marbutin mal-finanzjament f'dollari Amerikani, kienu jirrappreżentaw riskju ewlieni. Dan kien partikolarment il-każ fejn wieħed ried jifhem il-profil tal-assi denominati f'dollari Amerikani. Xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet fit-taqsima li jmiss tfasslu wkoll biex titjieb il-kwalità tad-dejta għal analiżi sussegwenti.

## III. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-BERS**

L-GĦANIJIET

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-BERS jikkonċernaw ir-riskju evidenti marbut mal-likwidità għal żmien qasir fi ħdan l-Unjoni u r-riskju li jista' jkun hemm għall-ekonomija reali tal-Unjoni fi żmien medju. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet iridu jhaddnu l-perspettiva li tevita tensjonijiet bħal dawn fil-finanzjament f'dollari Amerikani għall-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni waqt kriżi finanzjarja prospettiva, aktar milli li jingħelbu l-problemi attwali.

Barra dan, billi l-finanzjament bl-ingrossa għal żmien qasir qiegħed jintuża biex jiffinanzja attivitajiet u assi għal żmien itwal, għandha titqies kif jixraq *kull rabta ma' linji politiċi oħra* meta tiġi affrontata l-kwistjoni tal-fraġilitajiet mid-diskrepanza fil-maturità f'dollari Amerikani. Jinħtieġ li dawn il-linji jitqiesu wkoll biex jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet dwar il-finanzjament f'dollari Amerikani jkunu konsistenti magħhom:

(a) *Finanzjament bl-ingrossa għal żmien qasir:* Id-dipendenza mill-finanzjament f'dollari Amerikani mhix ħlief parti żgħira mill-kwistjoni tad-dipendenza u l-użu ta' finanzjament bl-ingrossa għal żmien qasir min-naħa tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni. Madankollu, dan x'aktarx joħloq aktar riskji għall-awtoritajiet tal-istabbiltà finanzjarja milli joħloq il-finanzjament għal żmien qasir b'mod ġenerali għar-raġunijiet imsemmija fit-Taqsima II.1.

(b) *Diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament:* Biex titjieb ir-reżiljenza fis-swieq ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni, dawn tal-aħħar huma mħeġġa jiddiversifikaw is-sorsi tagħhom ta' finanzjament, li fil-prattika jfisser li għandhom ifittxu investituri f'firxa wiesgħa ta' żoni ġeografiċi u ta' muniti. Kull linja politika li tillimita d-diskrepanzi fil-maturità f'dollari Amerikani għandha tkun konsistenti mal-politika ta' dan il-qasam.

(c) *Struttura tal-attività bankarja internazzjonali/bank ċentrali globali:* Waħda mir-raġunijiet li titlob li jitqiegħdu limiti għad-diskrepanzi fil-maturità f'dollari Amerikani – jew b'mod ġenerali f'muniti barranin – tiġi mir-rikonoxximent li bħalissa l-bank ċentrali tipikament jipprovdu assigurazzjoni ta' likwidità fil-munita domestika tagħhom biss, i.e. m'għandhomx il-funzjoni ta' "bank ċentrali globali". Il-linji *swap* tal-bank ċentrali f'dollari Amerikani provduti mill-Federal Reserve jistgħu jkunu temporanji jew jista' ma jkunx possibbli li wieħed jiddependi minnhom b'mod permanenti. Fin-nuqqas ta' din il-funzjoni tal-bank ċentrali, tista' tkun ħaġa tajba li wieħed jillimita l-iskopertura għar-riskji tal-likwidità f'dollari Amerikani jew f'muniti barranin b'mod aktar ġenerali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni. Iżda xi wħud huma tal-fehma li miżura bħal din tmur kontra x-xejra għal attivitajiet bankarji aktar globalizzati.

(d) *Politika ta' żvelar:* L-iżvelar tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni dwar il-likwidità u l-finanzjament hu tipikament limitat ferm meta jitqabbel mal-iżvelar tagħhom dwar il-kapital u indikaturi oħra fil-karti tal-bilanċ. L-argumenti favur u kontra l-iżvelar sikwit jinstemgħu f'bosta gruppi internazzjonali oħra u ma ġewx diskussi bir-reqqa mill-BERS. Fil-fehma tal-BERS kull diskussjoni fuq il-meriti tal-iżvelar ta' indikaturi dwar ir-reżiljenza tal-finanzjament u l-likwidità għandha tqis ukoll il-pubblikazzjoni ta' indikaturi dwar id-dipendenza mill-finanzjament għal żmien qasir f'dollari Amerikani u f'muniti barranin u dwar id-diskrepanzi fil-maturità f'dollari Amerikani u f'muniti barranin, biex titrawwem id-dixxiplina tas-suq.

### III.1. **Rakkomandazzjoni A – Monitoraġġ tal-finanzjament u l-likwidità f'dollari Amerikani**

L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma rakkomandati li:

1. jimmonitorjaw mill-qrib ir-riskji marbutin mal-finanzjament u l-likwidità f'dollari Amerikani li jieħdu l-istituzzjonijiet ta' kreditu, bħala parti mill-monitoraġġ tagħhom tal-pożizzjonijiet ġenerali ta' finanzjament u likwidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. B'mod partikolari, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jimmonitorjaw:

   (a) id-diskrepanzi fil-maturità f'dollari Amerikani;

   (b) il-konċentrazzjonijiet ta' finanzjament skont it-tip ta' kontroparti, b'enfasi fuq kontropartijiet li jipprovdu finanzjament għal żmien qasir;

   (c) l-użu ta' *swaps* ta' muniti f'dollari Amerikani (inklużi *swaps* tar-rati tal-imgħax tal-muniti);

   (d) l-iskoperturi fi ħdan gruppi.

2. jikkunsidraw, qabel ma l-iskoperturi għar-riskji marbutin mal-finanzjament u l-likwidità f'dollari Amerikani jilħqu livelli eċċessivi:

   (a) li jinkoraġġixxu l-istituzzjonijiet ta' kreditu jieħdu azzjoni biex jikkontrollaw b'mod xieraq ir-riskji marbutin ma' diskrepanzi fil-maturità f'dollari Amerikani;

(b) li jillimitaw l-iskoperturi, waqt li jevitaw ix-xoljiment diżorganizzat tal-istrutturi attwali ta' finanzjament.

III.1.1. *Ir-raġunament ekonomiku*

Il-kejl u l-monitoraġġ aktar bir-reqqa jgħinu lill-awtoritajiet jifhmu aħjar l-iżviluppi tar-riskji marbutin mal-finanzjament f'dollari Amerikani. Jgħinhom ukoll jinkoraġġixxu l-istituzzjonijiet ta' kreditu jieħdu l-miżuri *ex ante* meħtieġa biex isewwu d-distorsjonijiet fil-ġestjoni tar-riskji u jillimitaw l-iskoperturi eċċessivi. Mill-perspettiva makroprudenzjali, hu importanti li dan isir fil-livell tas-settur bankarju kif ukoll fil-livell tal-kumpaniji individwali.

L-ispiża aktar baxxa tal-finanzjament għal żmien qasir, meta titqabbel ma' dik tal-finanzjament fit-tul, tista' tagħti lok għal periklu morali, i.e. li l-kumpaniji jonqsu li jevalwaw tajjeb l-ispiża biex jassiguraw lilhom infushom kontra r-riskju ta' problemi fis-swieq tal-i*swaps* tal-kambju. Jekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistennew li l-gvern jintervjeni f'kundizzjonijiet negattivi tas-swieq, aktarx li jkunu qegħdin jiddependu wisq minn finanzjament għal żmien qasir f'dollari Amerikani. L-għan tar-rakkomandazzjoni hu biex l-awtoritajiet jifhmu l-iskopertura tas-settur bankarju tagħhom għal dan ir-riskju, biex jifhmu aħjar il-livell ta' assigurazzjoni li jkun qiegħed jiġi pprovdut kif ukoll il-kwistjoni potenzjali tal-periklu morali. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jagħrfu wkoll it-tħassib tal-awtoritajiet, biex ikunu jistgħu jinfluwenzaw l-imġiba minn issa.

III.1.2. *L-evalwazzjoni, fosthom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi*

Il-vantaġġi ta' din ir-rakkomandazzjoni huma:

(a) Il-monitoraġġ bir-reqqa hu kundizzjoni ewlenija biex tiġi identifikata l-akkumulazzjoni ta' skoperturi eċċessivi għar-riskji tal-finanzjament f'dollari Amerikani u biex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri preventivi biex jingħelbu r-riskji sistemiċi li jista' jkun hemm.

(b) Dan jista' jċekken il-problema ta' periklu morali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jiddependu mill-finanzjament f'dollari Amerikani billi jikber l-għarfien tal-kumpaniji għall-fatt li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jkunu qegħdin jimmonitorjaw din il-kwistjoni.

Madankollu hemm ukoll l-iżvantaġġi:

(a) Il-monitoraġġ tas-sorsi ta' finanzjament f'dollari Amerikani min-naħa tal-klassi tal-kontroparti jista' ma jkunx possibbli, pereżempju fil-każ li t-titoli jinħarġu permezz ta' aġent intermedjarju.

(b) Spejjeż ta' konformità għall-awtoritajiet biex isaħħu l-proċessi ta' sorveljanza.

III.1.3. *Segwitu*

III.1.3.1. Żmien

L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma mitluba jagħtu rapport lill-BERS sat-30 ta' Ġunju 2012 dwar l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu biex tiġi implimentata din ir-rakkomandazzjoni.

III.1.3.2. Kriterji ta' konformità

Ġew definiti l-kriterji ta' konformità li ġejjin:

(a) monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament u likwidità tas-settur bankarju, li għandu jiġbor fih bħala minimu: (i) is-sorsi u l-użi tal-finanzjament f'dollari Amerikani; (ii) id-diskrepanzi fil-maturità bejn l-assi f'dollari Amerikani u l-obbligazzjonijiet f'dollari Amerikani vs. id-diskrepanzi fil-maturità bejn l-assi domestiċi u l-obbligazzjonijiet domestiċi, għall-aktar perjodi ta' żmien rilevanti ([1]), ([2]); (iii) l-obbligazzjonijiet tal-finanzjament f'dollari Amerikani b'sorsi minn kull klassi ta' kontroparti sinifikanti (bħala parti minn dan, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar il-possibbiltà ta' monitoraġġ regolari ta' dawn it-tipi ta' konċentrazzjonijiet ta' kontroparti); (iv) l-użu tas-swieq tal-i*swaps* f'dollari Amerikani; (v) l-iskoperturi fi ħdan il-gruppi;

(b) limitazzjoni tal-iskoperturi, kull meta r-riskji tal-finanzjament u l-likwidità jistgħu jsiru eċċessivi.

III.1.3.3. Komunikazzjoni dwar is-segwitu

Ir-rapport għandu jirreferi għall-kriterji kollha ta' konformità u għandu jkun fih:

(a) il-proċessi stabbiliti għall-monitoraġġ tar-riskji tal-finanzjament u l-likwidità f'dollari Amerikani;

(b) l-indikaturi definiti fil-kriterji ta' konformità;

(c) fejn hu rilevanti, il-limiti imposti fuq l-iskoperturi għar-riskji tal-finanzjament u l-likwidità.

([1]) Il-perjodi ta' żmien għandhom jiġu definiti mill-awtoritajiet nazzjonali.
([2]) Dan l-indikatur jikkorrispondi għall-istrument ta' monitoraġġ III.1. ta' Basel III dwar id-diskrepanzi kuntrattwali fil-maturità "Basel III: Qafas internazzjonali għall-kejl, l-istandards u s-sorveljanza tar-riskju ta' likwidità", Diċembru 2010, pp. 32-33, li jinsab fil-websajt tal-BIS: http://www.bis.org

III.2. **Rakkomandazzjoni B – Pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza**

L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma rakkomandati li:

1. jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-pjanijiet tagħhom ta' finanzjament ta' kontinġenza jipprovdu miżuri ta' ġestjoni biex jilqgħu għal ċaqliq fil-finanzjament f'dollari Amerikani, u li dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu kkunsidraw il-fattibbiltà ta' dawn il-miżuri jekk bosta istituzzjonijiet ta' kreditu jippruvaw jimplimentawhom fl-istess ħin. Bħala minimu, il-pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza għandhom jikkunsidraw is-sorsi ta' finanzjament ta' kontinġenza disponibbli fil-każ ta' tnaqqis fil-provvista minn klassijiet ta' kontroparti differenti;

2. jevalwaw il-fattibbiltà ta' dawn il-miżuri ta' ġestjoni fil-pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza fil-livell tas-settur bankarju. Jekk azzjoni simultanja min-naħa tal-istituzzjonijiet ta' kreditu titqies li x'aktarx tista' toħloq riskji sistemiċi, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma rrakkomandati li jieħdu azzjoni biex jitnaqqsu dawn ir-riskji kif ukoll l-impatt ta' din l-azzjoni fuq l-istabbiltà tas-settur bankarju tal-Unjoni.

III.2.1. *Ir-raġunament ekonomiku*

L-istituzzjonijiet ta' kreditu jeħtiġilhom jifhmu r-riskji marbutin b'mod speċifiku mal-finanzjament tagħhom f'dollari Amerikani u jħejju ruħhom għall-possibbiltà ta' taqlib jew kundizzjonijiet negattivi. Ir-rakkomandazzjoni għandha tiżgura li fi żmien qasir l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom finanzjament sinifikanti f'dollari Amerikani jistabbilixxu arranġamenti minimi ta' kontinġenza biex jevitaw li l-problemi ta' finanzjament ikomplu jitgħarrqu f'sitwazzjonijiet estremi.

Jekk il-pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza jwasslu għal reazzjonijiet identiċi jew simili min-naħa tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għal ċaqliq fis-swieq ta' finanzjament f'dollari Amerikani, jistgħu jinħolqu problemi sistemiċi ġodda minħabba t-taqlib fis-swieq. Hekk, jekk grupp kbir ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jippjana li jbigħ tip partikolari ta' assi likwidi jew li jistrieħ fuq mezz speċifiku ta' finanzjament fi żmien meta s-swieq ta' finanzjament f'dollari Amerikani jkunu f'tensjoni, il-fattibbiltà ta' dawn il-forom ta' finanzjament ta' kontinġenza tista' titqiegħed f'riskju.

III.2.2. *L-evalwazzjoni, fosthom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi*

Il-vantaġġi ta' din ir-rakkomandazzjoni huma:

(a) Jekk jistabbilixxu pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza għall-finanzjament f'dollari Amerikani, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jnaqqsu l-ħtieġa li jkollhom jirreaġixxu b'mod diżorganizzat għat-taqlib fis-swieq tal-finanzjament f'dollari Amerikani.

(b) Dawn il-pjanijiet jistgħu jgħinu wkoll lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jifhmu u jinternalizzaw l-ispejjeż ta' kriżi jew ta' taqlib ieħor li jista' jkun hemm fil-finanzjament f'dollari Amerikani fid-deċiżjonijiet tagħhom dwar il-finanzjament.

Madankollu hemm ukoll l-iżvantaġġi:

(c) Jekk il-pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza joħolqu ħafna reazzjonijiet simili min-naħa tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jħabbtu wiċċhom ma' firxa ta' problemi marbutin mal-finanzjament f'dollari Amerikani, ir-riskji sistemiċi jistgħu jikbru minħabba l-konċentrazzjoni ta' soluzzjonijiet għal finanzjament ta' kontinġenza.

(d) Hemm dubji jekk fil-prattika jeżistux miżuri ta' kontinġenza, tneħħi xi interventi min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi, li jibqgħu effettivi partikolarment fil-każ ta' kriżi ta' fiduċja mifruxa fis-swieq ta' finanzjament f'dollari Amerikani.

III.2.3. *Segwitu*

III.2.3.1. Żmien

Id-destinatarji huma mitluba jagħtu rapport lill-BERS sat-30 ta' Ġunju 2012 dwar l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu biex tiġi implimentata din ir-rakkomandazzjoni.

III.2.3.2. Kriterji ta' konformità

Ġew definiti l-kriterji ta' konformità li ġejjin:

(a) pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza mħejjija għall-finanzjament f'dollari Amerikani fl-istituzzjonijiet ta' kreditu fejn l-awtorità superviżorja nazzjonali rispettiva tqis li d-dollaru Amerikan ikollu sehem sinifikanti bħala munita ta' finanzjament;

(b) valutazzjoni superviżorja tal-pjanijiet biex jiġi evalwat jekk ikunx probabbli li jkun hemm ammont kbir ta' reazzjonijiet simili waqt kriżi bil-possibbiltà li tkompli titgħarraq is-sitwazzjoni;

(c) tnaqqis fil-probabbiltà li r-riskji sistemiċi jsiru aktar serji minħabba x-xebh fil-pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza f'dollari Amerikani fl-istituzzjonijiet ta' kreditu rilevanti.

III.2.3.3. Komunikazzjoni dwar is-segwitu

Ir-rapport għandu jirreferi għall-kriterji kollha ta' konformità u għandu jkun fih:

(a) azzjonijiet ta' sorveljanza biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta' kreditu rilevanti jistabbilixxu pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza għall-finanzjament f'dollari Amerikani;

(b) problemi sistemiċi li jistgħu jiġu osservati fl-evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza u l-azzjonijiet ta' sorveljanza li jkunu ttieħdu biex jilqgħu għal dawn il-problemi.

**EVALWAZZJONI ĠENERALI TAL-MIŻURI**

L-għan tar-rakkomandazzjonijiet hu li fil-ġejjieni jiġi evitat livell simili ta' tensjoni fil-finanzjament f'dollari Amerikani tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni bħal dak tal-kriżijiet finanzjarji tal-2008 u l-2011.

Benefiċċju importanti tar-rakkomandazzjonijiet hu li għandhom jgħinu lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u lill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) jidentifikaw aħjar l-akkumulazzjoni ta' riskji eċċessivi marbutin mal-finanzjament f'dollari Amerikani, u b'hekk ikunu jistgħu jittieħdu miżuri preventivi biex jingħelbu r-riskji sistemiċi li jistgħu jinqalgħu.

Ir-rakkomandazzjonijiet huma mfassla biex inaqqsu l-periklu morali marbut mal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni billi jiżguraw li dawn jevalwaw adegwatament u jinternalizzaw l-ispiża biex jassiguraw lilhom infushom kontra r-riskju ta' tensjonijiet marbutin mal-finanzjament. Jekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni jistennew l-intervent tal-gvern f'kundizzjonijiet negattivi tas-swieq, dan jista' jwassal għal dipendenza żejda minn finanzjament għal żmien qasir f'dollari Amerikani. It-titjib fil-politika ta' monitoraġġ u sorveljanza jgħin lill-awtoritajiet jifhmu aħjar l-iskopertura tas-settur bankarju għar-riskji marbutin mal-finanzjament u l-likwidità f'dollari Amerikani u l-kwistjoni potenzjali tal-periklu morali.

L-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza għandha tiffaċilita l-għan tal-internalizzazzjoni tar-riskji tal-finanzjament f'dollari Amerikani tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni u tat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni għat-tensjonijiet fis-swieq ta' finanzjament f'dollari Amerikani billi titnaqqas il-ħtieġa ta' reazzjonijiet diżorganizzati għat-taqlib fis-swieq ta' finanzjament f'dollari Amerikani. Minn perspettiva makroprudenzjali, hu importanti li r-rakkomandazzjonijiet ikollhom l-għan li jnaqqsu r-riskji sistemiċi minħabba l-azzjonijiet simultanji tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni fil-każ ta' tensjoni fis-swieq, u b'hekk jiġi evitat ix-xoljiment diżorganizzat ta' strutturi finanzjarji.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet kollha, il-benefiċċji mistennija mill-implimentazzjoni tagħhom għandhom jisbqu l-ispejjeż. Il-piżijiet ewlenin huma marbutin mal-ispejjeż ta' konformità għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali minħabba rekwiżiti aktar wesgħin ta' monitoraġġ u rappurtar, u mar-rekwiżiti ta' superviżjoni aktar ibsin li jridu jitwettqu mill-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni.

ANNESS

## EŻERĊIZZJU VOLONTARJU TA' ĠBIR TA' DEJTA DWAR IL-FINANZJAMENT F'DOLLARI AMERIKANI TAL-ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU TAL-UNJONI

It-tagħrif miġbur mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) fil-qafas ta' eżerċizzju ta' ġbir ta' dejta bl-għajnuna tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kien jikkonsisti f'żewġ mudelli ta' dejta u kwestjonarju. L-ewwel mudell ta' dejta (Mudell A) kien ibbażat fuq il-mudell tal-evalwazzjoni tar-riskju tal-likwidità tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) u kien jinkludi dejta dwar il-flussi interni u esterni tal-flus, il-kapaċità ta' kontrobilanċ u l-pjanijiet ta' finanzjament, maqsuma skont iż-żmien tal-maturità. It-tieni mudell ta' dejta (Mudell B) kien jiffoka fuq il-pożizzjonijiet tal-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni, speċifikament fir-rigward tal-assi u l-obbligazzjonijiet denominati f'dollari Amerikani, u kien aktar adattat għall-ħtiġijiet tal-BERS. Ma' dawn tfassal kwestjonarju biex jipprovdi tagħrif kwalitattiv dwar id-dipendenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni mill-finanzjament f'dollari Amerikani u biex jinġabar tagħrif dwar is-superviżjoni f'dan il-qasam.

It-talba għat-tagħrif kienet indirizzata lill-Istati Membri kollha, bl-iskop li tinġabar dejta fil-qafas tal-obbligu tal-mezzi, biex jiġu koperti, tal-anqas, l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni b'pożizzjonijiet sinifikanti ta' obbligazzjonijiet f'dollari Amerikani (i.e. mill-anqas 5 % tat-total tal-obbligazzjonijiet). L-eżerċizzju tal-ġbir tad-dejta kien ikopri istituzzjonijiet ta' kreditu minn 17-il Stat Membru. Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Irlanda, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja u l-Finlandja għażlu li ma jieħdux sehem fl-eżerċizzju tal-ġbir tad-dejta. It-tagħrif seta' jiġi rappurtat fil-livell ta' istituzzjonijiet individwali. It-tagħrif seta' jinġabar ukoll fil-livell nazzjonali sakemm it-total kien jiġbor fih id-dejta ta' mill-anqas tliet istituzzjonijiet. Biex tinżamm l-anonimità fir-rigward ta' dejta kunfidenzjali dwar l-istituzzjonijiet ta' kreditu individwali tal-Unjoni, inġabret flimkien id-dejta ta' tliet istituzzjonijiet jew aktar.

Id-dejta fil-Mudell A, li f'ħafna każijiet hi l-istess bħal dik li diġà ġiet irrappurtata fil-qafas tal-evalwazzjoni tar-riskju tal-likwidità tal-ABE, tirreferi għall-pożizzjonijiet fl-aħħar ta' Diċembru 2010. Id-data tar-rappurtar għall-Mudell B, li għalih inġabret dejta mitluba fl-ambitu tal-analiżi tal-BERS biss, hi l-aħħar ta' Ġunju 2011, bi ftit eċċezzjonijiet (ara l-Iskeda).

*Skeda*

**Sommarju tal-kampjun tal-ġbir tad-dejta għall-Mudell B**

| Stat Membru | Għadd tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni fil-kampjun | Proporzjon tal-kampjun mis-settur bankarju domestiku | Tip ta' kontabilità | Perjodu ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| BE | 2 | 33 % | Solo | Ġun-11 |
| DE | 8 | 31 % | Solo | Ġun-11 |
| DK | 1 | | Konsolidat | Diċ-10 |
| ES | 2 | 22 % | Kons. u sub-kons. | Diċ-10/Ġun-11 |
| FR | 3 | 72 % | Konsolidat | Ġun-11 |
| GR | 3 | 63 % | Konsolidat | Mar-11 |
| IT | 2 | 50 % | Konsolidat | Diċ-10 |
| LU | 76 | 95 % | Solo | Ġun-11 |
| LV | 14 | 40 % | Solo | Jan-11 |
| MT | 12 | 76 % | Konsolidat | Ġun-11 |
| NL | 2 | 58 % | Konsolidat | Diċ-10/Ġun-11 |
| SE | 4 | 91 % | Konsolidat | Ġun-11 |
| SK | 31 | 98 % | Solo | Ġun-11 |

| Stat Membru | Għadd tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni fil-kampjun | Proporzjon tal-kampjun mis-settur bankarju domestiku | Tip ta' kontabilità | Perjodu ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| UK | 3 | 72 % | Konsolidat | Lul-11 |
| Total | 163 | 48 % | — | — |

*Sors:* Kalkoli tal-BERS u l-Istati Membri.
*Noti:* Id-dejta għall-Belġju, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, il-Latvja u s-Slovakkja hi fuq bażi non-konsolidata u ma tinkludix dejta mill-fergħat u s-sussidjarji fl-Istati Uniti tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni. Il-proporzjon tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni fil-kampjun fir-rigward tat-total tal-assi konsolidati tas-settur bankarju tal-Unjoni hu kkalkulat sa tmiem l-2010. Għal Malta, il-proporzjon jirreferi għas-settur bankarju kollu (inklużi l-istituzzjonijiet ta' kreditu barranin). Għall-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Latvja, il-proporzjon jirreferi għat-total tal-assi non-konsolidati tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji residenti f'Ġunju 2011.